

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 9/2011

tas-6 ta' Jannar 2011

li jiffissa l-prezz minimu għall-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat għat-tlettax-il stedina individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (UE) Nru 447/2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(j), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2010 ⁽²⁾ fetax il-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura tas-sejħiet għall-offerti, skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jstabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku ⁽³⁾.
- (2) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom b'risposta għal stedinet individwali għall-offerti, il-Kummissjoni għandha tiffissa

prezz minimu tal-bejgħ jew għandha tiddeċidi li ma tiffissax prezz minimu tal-bejgħ, skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009.

- (3) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom b'risposta għat-tlettax-il stedina individwali għall-offerti, għandu jiġi ffissat prezz minimu tal-bejgħ.
- (4) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għat-tlettax-il stedina individwali għall-offerti għall-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat fi ħdan il-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament (UE) Nru 447/2010, li għaliha l-limitu taż-żmien għat-tressiq tal-offerti skada fl-4 ta' Jannar 2011, il-prezz minimu tal-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat għandu jkun EUR 212,10/100 kg.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Jannar 2011.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 126, 22.5.2010, p. 19.

⁽³⁾ ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.